VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012
Taqsima B

A.L. 31 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma of Fine Arts in Digital Arts; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom jew:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II minn din jew minn università oħra, flimkien ma' *portfolio* sostanzjali ta' xogħlijiet riċenti; jew

(b) kwalifika/kwalifiki professjonali u/jew esperjenza meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li jissodisfaw parżjalment ir-rekwiżiti għad-dħul fil-Kors, iżda l-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju teoretiku kif speċifikat fl-ordinament 4, u jippreżentaw *portfolio* sostanzjali ta' xogħlijiet riċenti.

(2) L-applikanti kollha li m'għandhomx l-ewwel grad fl-Arti għandhom jiġu intervistati u evalwati minn bord tal-intervisti magħmul mill-anqas minn tliet membri. L-applikanti jkunu mitluba jipprovdu evidenza tal-esperjenza professjonali tagħhom fl-Arti permezz ta' *portfolio*.

Il-Programm Preparatorju

4. (1) L-applikanti kollha jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu programm preparatorju kif speċifikat mill-Bord.

(2) Il-programm preparatorju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu u mhux aktar minn 60 krettu. Il-programm jinkludi valutazzjoni sinottika.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa jtemmu b'suċċess il-programm ta' studju preparatorju b'marka medja ta' 55% jew aħjar qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew sitt semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu, li minnhom 60 krettu huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu huma assenjati għat-taqsima studju tad-

VERŻJONI ELETTRONIKA

dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti għal taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li jagħmlu mill-ġdid il-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fl-ewwel opportunità prattikabbli.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjonijiet

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' mhux aktar minn 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Kull dissertazzjoni tkun assenjata superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titolu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu sottomessi lill-Bord għall-approvazzjoni sal-aħħar tat-tieni semestru tal-istudju *full-time* tal-Kors.

9. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapport dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom xahar qabel ma jissottomettu d-dissertazzjoni. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala meħtieġa minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.